# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 14**

**Rikors numru 103/18 JZM**

**Francis Portelli u Anthony Cassar**

**v.**

**Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

1. B'rikors preżentat fit-8 ta' Ottubru 2018 ir-rikorrenti lmentaw fil-proċeduri kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija v. Francis Portelli et** kienu qegħdin jinkisru d-drittijiet fundamentali għal smigħ xieraq protett mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll għall-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk talbu lill-Prim'Awla sabiex:-

*"1. Tiddikjara li bl-agir ta` l-intimat Avukat Generali u bil-mod kif qieghed jikkonduci l-istruttorja, l-istess intimat kiser u qed ikompli jikser id-dritt taghhom ghal smigh xieraq kif sancit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*"2. Tiddikjara wkoll li l-istess agir qed jikser id-dritt ta` l-esponenti ghall-proprjeta` kif sancit l-Artikolu 1 ta` l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea.*

*"3. Tiddikjara n-nullita` tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" u l-konsegwenti estinzjoni ta` l-azzjoni kriminali in kwantu l-Avukat Generali ma jridx jaghlaq il-provi tieghu.*

*"4. Alternattivament ghat-talba precedenti, tordna lill-Avukat Generali sabiex jirrinvija ghall-gudizzju l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" f`terminu qasir stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti u thassar u tikkancella l-ordni ta` l-iffrizar in kwantu d-dewmien bil-ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni qed jilledi d-drittijiet taghhom ghal smigh xieraq u ghall-proprjeta` kif fuq inghad.*

*"5. Taghti d-direttivi kollha sabiex jigu sanciti d-drittijiet fondamentali u kostituzzjonali ta` l-esponenti kif protetti mill-istess Kostituzzjoni u Konvenzjoni inkluz l-ghoti ta` danni materjali u dawk mhux pekunjarji kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza."*

2. L-intimat wieġeb u kkontesta l-pretensjoni tar-rikorrenti.

3. B'sentenza tal-15 ta' Lulju 2019 l-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi:-

*"Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet, billi qeghda taqta` u tiddeciedi hekk :-*

*"Tilqa` l-ewwel talba.*

*"Tichad it-tieni, it-tielet u l-hames talbiet.*

*"Tilqa` r-raba` talba parzjalment billi tordna lill-Avukat Generali sabiex sa mhux aktar tard mill-31 ta` Dicembru 2019 jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar" fuq riferita, u jirrinvija l-atti ghall-gudizzju lill-Qorti tal-*

*Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja.*

*"Tichad il-bqija tar-raba` talba.*

*"Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet".*

4. Permezz ta' rikors preżentat fit-2 ta' Awissu 2019 l-intimat appella mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

i. Hu fl-interess tal-ġustizzja u tal-pubbliku li l-kawża kriminali tkun deċiża skond il-ħaqq. Il-kawża li qiegħda tinstema' quddiem il-Qorti Istruttorja għandha tistenna l-gheluq ta' kawża oħra, ġialadarba hemm xhud rilevanti li bħalissa ma jistax jixhed minħabba li għad hemm proċeduri kriminali pendenti kontrih. Il-każ hu wieħed kumpless u diffiċli. L-Avukat Ġenerali jkun qiegħed jimxi b'mod irresponsabbli u kontra l-interess pubbliku jekk jagħlaq il-provi f'dan l-istadju meta għad hemm xhud importanti li jista' jsaħħaħ il-prosekuzzjoni tal-akkużati. F'dan l-istadju Frank Sammut għandu jedd li jibqa' sieket sakemm tinqata' l-kawża tiegħu. Hu veru li l-proċedura tal-ittri rogatorji waqt il-proċess kriminali setgħet tmexxiet aħjar u aktar malajr. Madankollu mhemm xejn ħażin li wieħed ifittex għall-kjarifiki ulterjuri. Sal-lum l-interess tal-privat għadu ma rikibx fuq l-interess pubbliku.

ii. Il-prosekuzzjoni m'għandhiex kontroll sħiħ fuq l-għeluq tal-provi fil-kawża l-oħra. Semmai r-rimedju li kellha tordna l-ewwel Qorti kien li tordna lill-Prosekuzzjoni sabiex ittemm il-proċess kriminali fl-aqsar

żmien possibbli mingħajr ma timponi żmien, jew alternattivament tagħti direttiva sabiex il-każ ta' Frank Sammut ikun konkluż malajr. Rimedju alternattiv jista' jkun dikjarazzjoni fis-sens li d-dewmien għandu jiġi meqjus mill-qrati kriminali meta dawn jiġu biex jgħaddu s-sentenza finali tagħhom.

5. Fit-13 ta' Settembru 2019 ir-rikorrenti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

6. Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2020 id-difensuri tal-partijiet għamlu trattazzjoni u l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

7. B'riferenza għall-ilment dwar ksur tal-jedd fundamentali ta' dritt għal smigħ xieraq, li hu l-ilment rilevanti għal finijiet tal-appell, l-ewwel Qorti rraġunat:

> *"Irrizulta bl-aktar mod car u manifest illi r-ragunijiet ghad-dewmien kienu dovuti ghal nuqqasijiet tal-intimat u tal-mod kif qeghda tkun kondotta l-prosekuzzjoni fil-kaz kontra r-rikorrenti.*
>
> *"Ma rrizultax li d-dewmien kien dovut ghall-imgieba tar-rikorrenti.*
>
> *"Lanqas tal-Qorti.*
>
> *"In-nuqqas ewlieni tal-intimat kien kostitwit mill-fatt li, ghalkemm si trattava ta` a high profile prosecution, ghal ragunijiet bil-wisq ovvji, il-prosekuzzjoni, ghalkemm jidher li bdiet tirranka tajjeb, aktar ma bdew ighaddu x-xhur u s-snin, aktar bdiet taqa` lura f`dak li wiehed jistenna minnha f`kazi daqstant sensittivi u delikati.*
>
> *"Il-principju ghandu jkun li the rule of law tghodd ghal kulhadd l-istess.*

*“Daqstant iehor huwa basilari l-principju li l-process gudizzjarju, specjalment dak penali, fejn favur l-akkuzat tregi l-presunzjoni tal-innocenza, ghandu jitmexxa dejjem skont il-ligi, izda bil-heffa li tkun dettata mill-fattispeci ta` kull kaz.*

*“Meta mbaghad ikollok kazi, bhal dak li penalment jinvolvi lir-rikorrenti, fejn l-effett fuq il-persuni akkuzati jkun, minn zmien ghal zmien, taht il-lenti tal-opinjoni pubblika, u f`socjeta` demokratika, bhal ma hija taghna, l-opinjoni pubblika ghandha vuci qawwija, hemm il-process gudizzjarju ghandu jilhaq il-milja tieghu.*

“***Din il-Qorti tishaq illi fil-kaz tal-lum sehh dewmien ingustifikat mhux ragjonevoli da parti tal-intimat, sal-punt li kien hemm lezjoni tal-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, liema dewmien m`ghandux ikun addebitat lir-rikorrenti/akkuzati jew lill-Qorti.***

*“Fost in-nuqqasijiet tal-intimat u/jew tal-prosekuzzjoni, il-Qorti sejra tindika whud li lkoll igorru maghhom l-impronta tan-nuqqas ta` gustifikazzjoni jew ragjonevolezza.*

*“Il-Qorti m`ghandhiex spjegazzjoni ghaliex damet hdax-il xahar biex jintalbu r-rogatorji.*

*“Mela meta l-pulizija ezekuttiva tressaq persuni l-qorti b`akkuzi kriminali, ma tkunx taf il-provi li jsostnu l-akkuzi, meta taf li hija obbligata ex lege li taghmel il-prova tal-akkuzi `l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ?*

*“Allura ghaliex ma hasbitx ghall-ittri rogatorji kompleti u precizi mill-bidu nett ?*

*“Fid-deposizzjoni tieghu, l-Ispettur Rennie Stivala jixhed li kien it-tielet spettur li mexxa l-prosekuzzjoni tal-kawza kriminali kontra r-rikorrenti. Huwa minnu li turnover ta` persuni huwa naturali specjalment f`ambjenti komplessi, inkluz fil-Pulizija, izda li jirrizulta li f`temp ta` sitt snin fil-kawza kriminali kontra r-rikorrenti, l-Ispettur Rennie Stivala kien it-tielet spettur li, ghal raguni jew ghal ohra, mexxa l-prosekuzzjoni kontra r-rikorrenti mhuwiex accettabbli tenut kont tal-fatti u cirkostanzi partikolari tal-kaz.*

*“L-gheluq tal-provi fil-kawza kriminali kontra r-rikorrenti ddur mad-deposizzjoni ta` Frank Sammut, bhala xhud tal-prosekuzzjoni. L-Ispettur Stivala jiddeskrivi lil Frank Sammut bhala l-persuna li allegatament kien involut fl-hekk maghruf bhala “l-iskandlu taz-zejt”. Irrizulta li l-Ispettur Stivala huwa wkoll l-ufficjal prosekutur li qed imexxi l-kawza kriminali kontra Frank Sammut.*

*“Huwa risaput illi akkuzat ghandu l-jedd ghas-silenzju, jedd fondamentali dan li huwa rikonoxxjut mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.*

*"L-Ispettur Stivala kien mistoqsi fil-kors tal-procediment odjern x'kien fadal sabiex jinghalqu l-provi tal-prosekuzzjoni fil-kaz ta` Frank Sammut. It-twegiba tieghu kienet fis-sens li kienu qeghdin jistennew risposti minn barra ghal ittri rogatorji.*

*"Dak li tassew ihasseb u jinkwieta lil din il-Qorti fil-kuntest tal-kwistjoni tad-dewmien, li hija l-pern tal-lanjanza kif dedotta fl-ewwel talba tar-rikorrenti, hija dik il-parti tax-xiehda tal-Ispettur Stivala meta stqarr illi fl-udjenza tal-20 ta` Marzu 2019 tal-kawza kontra r-rikorrenti, il-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li kienu qeghdin jahdmu fuq rogatorji godda u li kien ghad fadal ix-xhud Frank Sammut x`jiddeponi.*

*"Ghal din il-Qorti, mhuwiex accettabbli mill-punto di vista ta` harsien ta` jeddijiet fondamentali imharsa bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni illi xi hadd b`awtorita` pubblika, u prosekutur fil-kaz kriminali kontra r-rikorrenti, jixhed li ghalkemm ir-rogatorji kienu saru sentejn qabel, ir-risposta li giet minn barra ma kenitx ezawrijenti. Imbaghad jasal biex jixhed illi sakemm waslu r-risposti minn barra u gew tradotti, kien ghaddew madwar 14-il xahar. Imbaghad biex tkompli zzid id-doza tat-thassib ta` din il-Qorti, ikompli jispjega li wara li hadu konjizzjoni tar-risposti, dehrilhom li kellhom bzonn jaghmlu domandi ohra.*

*"Jekk kien hemm bzonn ta` prova tan-nuqqas lampanti u grossolan tal-prosekuzzjoni, kienet it-twegiba skjetta tal-Ispettur Stivala ghad-domanda ta` l-Qorti meta kien mistoqsi jekk kinux intbaghtu l-ittri rogatorji l-godda fil-kaz ta` kontra Frank Sammut. Ix-xhud wiegeb illi kienu ghadhom mhux mibghuta, ghaliex kien hemm diversi atti x`jigu skrutinati, u fil-kaz kien hemm biss involuta persuna wahda.*

*"L-intimat jaghmel l-argument illi l-accertament tal-lezjoni dwar smigh xieraq ghandha ssir fuq l-assjem tal-procediment li tkun involuta fih il-persuna li tkun qeghda taghmel l-ilment meta l-procediment li fih tkun involuta jasal fit-tmiem tieghu. Din il-Qorti tghid illi t-tesi tal-intimat ma tistax tregi f`kull sitwazzjoni. Tghid li ma hemm l-ebda vinkolu legali, imbaghad fi procediment tax-xorta li huwa dak tal-lum, illi tistenna t-tmiem tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti sabiex tesprimi ruhha dwar il-vjolazzjoni lamentata, ladarba rrizulta ppruvat li fil-kors tal-procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja diga` sehhet il-lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, u aktar ma jitwal il-kaz, il-lezjoni se tippersisti.*

*"Jirrizulta li sad-data meta bdiet il-kawza tal-lum, kienu saru 52 udjenza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti Istruttorja. Ma sar xejn fil-kaz ta` 30 seduta minnhom : il-bicca l-kbira mputabbli ghall-prosekuzzjoni. Sal-udjenza tat-13 ta` Frar 2017, tista` tghid kienu tressqu x-xhieda kollha. Dan qed jigi rilevat ghaliex f`dik l-udjenza l-qorti kienet nfurmata li bhala xhud kien ghad fadal li jixhed Frank Sammut. Fil-kaz tal-lum, il-Qorti ttenni illi ghalkemm xi udjenzi ma sarux bi qbil bejn iz-zewg nahat, il-bicca l-kbira tal-udjenzi li ma sarux kien*

*dovut ghall-intimat u/jew ghall-prosekuzzjoni jew ghaliex ma kienx hemm xhieda jew ghaliex kienu qeghdin jistennew ir-risposti ghall-ittri rogatorji. Teskludi li r-rikorrenti kkagunaw dewmien bl-imgieba taghhom.*

*"Jirrizulta ppruvat illi hafna zmien sfuma fix-xejn minhabba dewmien li jaslu r-risposti ghall-ittri rogatorji, fatt dan li kien ghal kollox taht il-kontroll tal-intimat u/jew prosekuzzjoni ; certament mhux taht il-kontroll jew skrutinju tal-akkuzati jew tal-qorti. Ghalhekk hija l-prosekuzjoni li trid twiegeb ghal kull nuqqas taghha jew ta` haddiehor li jiddependi mill-hidma taghha. Fil-kaz tal-lum, irrizulta li ghall-ewwel intbaghtu ittri rogatorji barra b`informazzjoni mhux korretta mill-ufficcju tal-intimat. Sakemm saru l-accertamenti, ghadda zmien sewwa. Jidher li l-procedura tal-ittri rogatorji ntemmet fis-seduta tat-28 ta` Jannar 2018. Wara dakinhar il-kawza kienet differita".*

8. Dan il-każ jitratta dwar il-proċeduri kriminali li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li bdew fil-21 ta' Frar 2013. L-atturi kienu akkużati li:-

i. Ikkorrompew lil Tancred Tabone u Francis Sammut, Chairman u Chief Executive Officer ta' Mediterranean Offshore Bunkering Limited;

ii. Kienu kompliċi fl-atti li bihom Tancred Tabone u Francis Sammut, ħadu interess privat f'aġġudikazzjoni, appalt, jew amministrazzjoni;

iii. Kienu kompliċi fl-atti li bihom l-istess tnejn min-nies, f'kariga uffiċjali jew impjegati pubbliċi, ħadu interess privat f'affari li dwarha kienu inkarigati jagħtu ordnijiet u jagħmlu likwidazzjonijiet;

iv. F'isimhom proprju jew bl-involviment ta' kumpanniji għamlu atti ta' *money laundering*;

9. Sal-lum, iktar minn seba' snin wara, il-provi tal-Prosekuzzjoni għadhom ma ngħalqux. Fl-ewwel seduta l-Qorti kienet ordnat l-iffriżżar tal-ġid tar-rikorrenti. Illum ir-rikorrenti għandhom sebgħin (70) sena u milli fehmet il-Qorti, lokalment huma tnejn min-nies midħla tal-qasam tan-negozju.

10. Skond l-Avukat Ġenerali l-Prosekuzzjoni għadha m'għalqitx il-provi għaliex trid tressaq bħala xhud lil Frank Sammut li għalissa ma jistax jixhed minħabba li hemm pendenti kontrih proċeduri kriminali li qegħdin jinstemgħu separatament, għalkemm relatati mal-akkużi li hemm kontra l-appellanti. Fir-rikors tal-appell l-Avukat Ġenerali iddikjara li l-proċeduri kriminali pendenti kontra Frank Sammut *"5..... mhux mistenni li jingħalqu f'qasir żmien"*.

11. Fil-ġurisprudenza tal-QEDB[1] hu aċċettat li:-

> *"59. The Court reiterates that the reasonableness of the length of proceedings must be assessed in the light of the circumstances of the case and with reference to the following criteria, the complexity of the case and the conduct of the applicant and the relevant authorities (see, among other authorities, Pelissier and Sassi v France (GC), no. 25444/95, 67, ECHR 1999-II).* ***Only delays attributable to the State may justify a finding of failure to comply with the 'reasonable time'***

[1] Ara per eżempju **Aleksandr Novikov v. Russia** (7087/04) tal-11 ta' Lulju 2013.

> ***requirement*** *(see Pedersen and Baadsgaard v Denmark (GC), no. 49017/99, 49, ECHR 2004-XI)".*

12. Fir-rikors tal-appell l-Avukat Ġenerali iddikjara:-

> *"23..... L-esponent jaċċetta li l-appellati u l-Qorti tal-Maġistrati mhumiex qegħdin idewwmu l-proċess kriminali bl-imġieba tagħhom u l-istess esponent jaqbel ukoll li l-proċess kriminali jolqot fil-laħam il-ħaj tal-appellati".*

13. Fis-sentenza l-ewwel Qorti għamlet analiżi dettaljata dwar x'kien sar matul is-seduti kollha li saru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (ara fol. 20 – 26 tas-sentenza). Wara dawk is-snin kollha s'issa l-proċeduri għadhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni.

14. Minn dik il-parti tas-sentenza li fiha l-motivazzjoni, l-ewwel Qorti kkonkludiet li fil-proċeduri kien hemm dewmien konsiderevoli tort tal-Prosekuzzjoni. F'dan ir-rigward osservat kif:-

i. Ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni għalfejn kellhom jgħaddu tnax-il xahar qabel intalbet xhieda bil-proċedura tar-rogatorji;

ii. Fil-kors tal-proċeduri kienu inbidlu tliet darbiet l-uffiċjali tal-prosekuzzjoni;

iii. L-Ispettur li issa qiegħed imexxi l-Prosekuzzjoni hu l-istess uffiċjal prosekutur fil-kawża kontra Frank Sammut, u li l-Prosekuzzjoni trid

tressqu bħala xhud f'din il-kawża. Fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2019 l-istess Spettur iddikjara li kienu qegħdin jaħdmu fuq *'rogatorji ġodda'* u Frank Sammut kien għad fadallu jixhed. Il-Qorti qalet ukoll kif ix-xhud kien stqarr li r-rogatorji damu erbatax-il xahar biex waslu minn barra u saret traduzzjoni, u wara li rċevew it-tweġibiet kienu tal-fehma li kellhom isiru domandi ulterjuri. Żiedet li l-istess Spettur qal li dawk id-domandi kienu għadhom ma ntbagħtux għaliex kien hemm diversi atti li kellhom jiġu eżaminati;

iv. Kien hemm diġa` 30 seduta li fihom ma sar xejn, *"il-biċċa l-kbira imputabbli għall-prosekuzzjoni"*;

v. Sas-seduta tat-13 ta' Frar 2017 kienu instemgħu x-xhieda kollha bl-eċċezzjoni ta' Frank Sammut;

vi. Ħafna mid-dewmien seħħ minħabba li damu biex jaslu t-tweġibiet għall-ittri rogatorji. Skont l-ewwel Qorti dak il-fatt kien taħt il-kontroll tal-intimat u/jew Prosekuzzjoni. Fil-fatt kienu intbagħtu ittri rogatorji barra minn Malta b'informazzjoni li ma kinitx korretta. Proċedura li intemmet fit-28 ta' Jannar 2018. Minn dakinhar il-kawża baqgħet tiġi differita sabiex jixhed Frank Sammut.

15. Hu evidenti li ġie żmien meta d-diffikultajiet fil-kawża tar-rikorrenti kienu tnejn, l-ittri rogatorji u d-deposizzjoni ta’ Frank Sammut li sal-lum għad għandu kawża kriminali kontrih u li fiha għadhom qegħdin jinġabru l-provi tal-Prosekuzzjoni. Il-kwistjoni tar-rogatorji hi issa eżawrita. Pero` mhuwiex magħruf meta Frank Sammut ser ikun jista’ jixhed peress li fil-kawża li hemm kontrih għad iridu jsiru iktar domandi barra minn Malta (ara deposizzjoni tal-Ispettur Rennie Stivala a fol. 376 *et seq*).

16. L-akkużi li hemm kontra r-rikorrenti huma serji u ċertament li mhuwiex faċli li l-Prosekuzzjoni tasal sabiex tipprova l-każ tagħha. Verament Frank Sammut jaf ikun xhud importanti sabiex il-Prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha kontra r-rikorrenti. Pero` ovvjament mhux magħruf jekk Sammut huwiex eventwalment ser jixhed fil-każ li għandu kontrih, u lanqas mhemm indikazzjoni kemm fadal dak il-każ sakemm jasal fi tmiemu. Għalhekk hemm stat assolut ta’ inċertezza u ż-żmien għaddej.

17. Wara li l-Qorti qrat l-atti tosserva kif:

i. Bejn il-21 ta’ Frar 2013 sal-15 ta’ Jannar 2014 instemgħu l-parti l-kbira tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni. Kien waqt is-seduta tal-15 ta’ Jannar 2014 li l-Prosekuzzjoni ppreżentat nota bl-ittri rogatorji.

ii. Fis-seduta tas-27 ta’ Novembru 2014 il-Qorti kienet infurmata li l-Avukat Ġenerali kien irċieva ittra mingħand l-awtorita` Svizzera. Peress li kienet bil-Ġermaniż kien meħtieġ li ssir traduzzjoni. F’dan ir-rigward fis-seduta tat-18 ta’ Frar 2015 xehdet Lorraine Williams li ppreżentat traduzzjoni bil-lingwa Maltija tal-ittra li l-Avukat Ġenerali kien irċieva mingħand l-awtorita` Svizzera.

iii. Fis-seduta tal-11 ta’ Mejju 2015 il-Qorti ordnat is-sospensjoni tat-termini tal-kumpilazzjoni minħabba li kien għad m’għandhiex ir-risposti għall-ittri rogatorji.

iv. Fis-seduta tas-6 ta’ Lulju 2015 il-Qorti kienet infurmata li kien sar kuntatt bejn l-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-awtorita` estera, fejn intalbu xi kjarifiki mingħand l-Avukat Ġenerali.

v. Fis-seduta tat-18 ta’ April 2016 kien iddikjarat li hemm qbil bejn il-partijiet li kien hemm bżonn ta’ kjarifika dwar xi punti fil-mistoqsijiet li kienu parti mill-ittri rogatorji li ntbagħtu lill-awtorita` Svizzera.

vi. Fis-seduta tas-16 ta’ Mejju 2016 il-Qorti kienet infurmata li hemm qbil bejn il-partijiet li jsir xi tibdil fil-mistoqsijiet u fis-seduta tas-27 ta’ Ġunju 2016 il-partijiet talbu iktar żmien.

vii. Fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2016 id-difensur tar-rikorrenti ngħata kopja tan-nota bid-domandi li kellhom jintbagħtu barra minn Malta, u iddikjara *"li jaqbel li tintbagħat lill-Awtoritajiet Svizzeri"*.

viii. Fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2017 kienu preżentati r-risposti għat-tweġibiet, iżda peress li kien bil-Ġermaniż kellha ssir traduzzjoni.

ix. Fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2018 kienu preżentati r-risposti u l-atti ġew rinvjati lill-Avukat Ġenerali.

x. Fis-seduta tat-23 ta' April 2018 il-Qorti kienet infurmata bid-diffikulta dwar ix-xhud Francis Sammut li kien għad għandu l-proċeduri kriminali pendenti.

18. Għal dak li jikkonċerna r-rikorrenti hu evidenti li:-

i. Meta bdew il-proċeduri r-rikorrenti kellhom 63 sena u llum għandhom 70 sena;

ii. Il-Qorti fehmet li f'Malta r-rikorrenti huma żewġ persuni magħrufa fil-komunita` tan-negozju;

iii. Sa minn Frar 2013 l-assi kollha tar-rikorrenti kienu sekwestrati u hekk għadhom s'issa. Permezz ta' nota preżentata fl-4 ta' Marzu 2019 (fol. 172) l-Avukat Ġenerali ppreżenta sensiela ta' dokumenti u llimita ruħu biex jgħid li, *"Dawn id-dokumenti huma kollha marbuta mas-sekwestru tal-ġid tar-rikorrenti li ġie ordnat b'dikriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-21 ta' Frar 2013"*. Minn dawk id-dokumenti wieħed jirrejalizza f'liema sitwazzjoni jinsabu l-imputati, fejn ukoll sabiex jitħallsu *claims* dovuti taħt polza tas-saħħa jkollhom jitolbu provvediment mingħand il-Qorti (ara rikors a fol. 339).

iv. Ir-rikorrenti ilhom iktar minn seba' snin ikollhom jattendu għal seduti l-Qorti li matulhom kien hemm perjodi mhux qosra li fihom ma sar l-ebda progress. Sal-lum għada għaddejja l-kumpilazzjoni;

v. Li jkun hemm proċeduri kriminali li jdumu dak iż-żmien kollu żgur li kellu impatt fuq il-ħajja tar-rikorrenti, iktar u iktar meta tqis l-inċertezza li jġibu magħhom proċeduri ta' din ix-xorta;

19. Għal dak li jirrigwarda l-kriterju dwar il-kumplessita` tal-każ, hu evidenti li l-ittri rogatorji ikkumplikaw bil-bosta l-proċeduri. Madankollu, fl-istess żmien xorta kien hemm l-intopp ta' Frank Sammut li meta mħarrek biex jixhed għażel li ma jweġibx minħabba l-proċeduri kriminali li hemm kontrih. Sal-15 ta' Jannar 2014 ir-ritmu tal-ġbir tal-provi kien ċertament

sodisfaċenti. L-ewwel problema inqalgħet b'referenza għall-ittri rogatorji. F'dan ir-rigward il-Qorti tosserva:-

i. L-appellant ma tax spjegazzjoni għalfejn it-talba għall-ittri rogatorji saret biss ħdax-il xahar wara li bdiet il-kumpilazzjoni.

ii. Għaddew erba' snin (15 ta' Jannar 2014 sad-19 ta' Jannar 2018) sakemm tlestiet il-proċedura tal-ittri rogatorji. Il-Qorti ma tafx jekk il-kjarifika li intalbet mill-awtoritajiet Svizzeri kienx minħabba nuqqasijiet tal-Prosekuzzjoni jew l-Avukat Ġenerali. F'dan ir-rigward mhemmx provi. Min-naħa l-oħra l-Avukat Ġeneral ma spjegax x'kienet ir-raġuni għalfejn ħadet sena sħiħa (mill-aħħar ta' Settembru 2016 sal-bidu ta' Ottubru 2017) sabiex irċieva t-tweġibiet għad-domandi li saru bil-proċedura tar-rogatorji, u għamilx xi ħaġa min-naħa tiegħu sabiex il-proċess jitħaffef.

iii. Hemm verbali fejn jidher li l-Prosekuzzjoni u d-difiża kienu qegħdin jitkellmu ma' xulxin dwar id-domandi li għandhom jintbagħtu (ara per eżempju verbali tat-18.4.2016, 16.5.2016 u 27.6.2016).

iv. L-Avukat Ġenerali jammetti li l-proċess tal-ittri rogatorji *"31...... setgħet tmexxiet aħjar u aktar malajr"*.

20. Il-Qorti kuntrarjament għall-ewwel Qorti ma tistax timputa d-dewmien kollu fuq spallejn il-Prosekuzzjoni u l-appellant. Madankollu jibqa' l-fatt li hemm dewmien żejjed. Dewmien li kompla jiżdied wara li fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2018 kienu preżentati t-tweġibiet in konnessjoni mal-ittri rogatorji. Illum għaddew iktar minn sentejn minn dakinhar u ma jirriżultax li kien reġistrat xi żvilupp. L-appellant jargumenta li m'għandux kontroll fuq il-provi fil-kawża l-oħra. Il-Qorti ma taqbilx. Hi l-prosekuzzjoni li f'kumpilazzjoni trid tressaq il-provi. Il-Qorti fehmet li l-każ ta' Sammut ilu pendenti daqskemm ilu pendenti dak tar-rikorrenti, u fir-rigward ta' dak il-każ ma tressqux provi dwar il-mod kif inġabru l-provi matul is-snin. Hu l-appellant li għandu l-oneru li bi provi jikkonvinċi lill-Qorti li għamel dak li jista' biex il-proċeduri kriminali ma jitwalux bla bżonn. F'kull każ lanqas m'għandu jkun li persuna tiġi akkużata fil-Qorti u tispiċċa tagħmel snin twal bi proċeduri kriminali kontriha, tiela' u nieżla għas-seduti mingħajr ma jkollha l-ebda ħjiel meta xi darba ser jispiċċaw u jkollha ċertezza. Is-sitwazzjoni f'każijiet ta' kumpilazzjoni hi tali li l-imputat ħafna drabi jispiċċa *at the mercy* tal-Avukat Ġenerali, għaliex hu jiddeċiedi meta m'għandux jibqa' jirrinvija l-atti lill-Qorti għall-ġbir ta' iktar provi. Rinviji li kontinwament ikun ukoll fihom talba biex jerġgħu jinstemgħu provi li jkunu diġa` instemgħu. Sfortunatament il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja m'għandhiex l-awtorita` u l-mezzi sabiex twaqqaf dak is-*system of*

*conduct* min-naħa tal-Avukat Ġenerali. Kondotta li qiegħda kemm-il darba twassal għal dewmien bla bżonn ta' proċeduri kriminali.

21. F'paragrafu 34 tar-rikors tal-appell l-appellant għamel referenza għall-każ **Boddaert v. Belgium** tat-12 ta' Ottubru 1992 li dwaru qal:-

> *"ġie deċiż li l-Istat Belġjan ma jistax jinstab li kiser il-jedd ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli għaliex il-prosekuzzjoni ma setgħetx tagħlaq il-każ kontra Boddaert qabel jingħalaq il-każ kriminali li kien hemm pendenti kontra ħaddieħor li ried jiġi prodott bħala xhud kontra tiegħu"*.

22. Fis-sentenza l-QEDB qalet li l-perjodu rilevanti kien bejn id-19 ta' Lulju 1980, meta inħareġ mandat għall-arrest ta' Boddaert, u t-22 ta' Ottubru 1986, meta l-Qorti tal-Kassazzjoni tat is-sentenza. Perjodu li matulu kien hemm 39 xahar (2 ta' Ġunju 1982 u l-10 ta' Mejju 1985) li fihom l-attur ma kienx akkużat f'Qorti u dwar liema perjodu ilmenta li l-investigazzjoni li kien qiegħed imexxi l-imħallef tal-investigazzjoni ma kien qiegħed isir xejn fiha.

23. Fil-każ in eżami ċ-ċirkostanzi huma ferm differenti għaliex l-atturi tressqu l-Qorti fil-21 ta' Frar 2013 u seba' snin wara l-Prosekuzzjoni għadha m'għalqitx il-provi u preżentement ħadd m'għandu ħjiel meta dan il-każ ser ikun jista' jitkompla jekk is-sitwazzjoni tibqa' dik li hi llum. Hu fatt li jeżisti l-prinċipju tal-*'proper administration of justice'* iżda f'dan il-każ mhuwiex jintleħaq bilanċ mal-jedd tal-appellati li l-kawża tagħhom tkompli tieħu l-kors tagħha mingħajr iktar telf ta' żmien, bl-inċertezza kollha li din

is-sitwazzjoni qiegħda ġġib fuq l-imputati. Il-provi jitressqu mill-Prosekuzzjoni. Ir-rikorrenti m'għandhom l-ebda kontroll dwar dak li qiegħed jiġri f'dan l-istadju tal-proċeduri meta jsiru rinviji ripetutament. Inoltre, l-appellant ma ressaq l-ebda provi li jista' jiġġustifika d-dewmien li qiegħed ukoll jiġi reġistrat fil-każ ta' Sammut.

24. Hu faċli għall-Prosekuzzjoni li targumenta li peress li Frank Sammut hu xhud essenzjali għall-każ tagħha, din il-kawża għandha tibqa' sospiża sakemm Sammut ikun f'pozizzjoni li jixhed. Pero` meta mhux magħruf. Dawn huma affarijiet li l-Prosekuzzjoni u l-Avukat Ġenerali kellhom iqisu matul dawn is-seba' snin li ilu pendenti dan il-każ u kellhom jipproċedu b'iktar diliġenza. Hu faċli għall-Prosekuzzjoni li tipponta subgħajha lejn l-awtorita` Svizzera u l-proċeduri kriminali l-oħra li għandhom x'jaqsmu max-xhud Sammut. Saħansitra, irriżulta wkoll li fil-każ ta' Frank Sammut, ser terġa' ssir il-proċedura ta' rogatorji, li ovvjament ser ifisser iktar dewmien. Ma ngħata l-ebda tagħrif lil din il-Qorti li juri li ġie reġistrat xi progress. Il-Qorti fehmet li l-appellati m'għandhomx x'jaqsmu mal-hekk imsejjaħ *'każ taż-żejt'*, ċioe' fejn hu akkużat Frank Sammut. Tant hu hekk li fis-seduta tat-2 ta' April 2019, l-Ispettur Rennie Stivala xehed quddiem il-Prim'Awla:

> *"Dr Stephen Tonna Lowell: Li r-rikorrenti Francis Portelli u Anthony Cassar m'għandhom x'jaqsmu xejn magħhom ?*
>
> *"Xhud: M'għandhomx x'jaqsmu mal-kawżi taż-żejt, imma għandhom x'jaqsmu ma' nies involuti f'dik il-kawża".*

25. Perjodu ta' seba' (7) snin huma ħafna f'ħajja ta' bniedem, li matulhom l-akkużat irid u ma jridx isib ruħu fi stat ta' inċertezza. Perjodu li matulu r-rikorrenti kellhom u għadhom bil-ġid tagħhom 'iffriżati' skond l-Att Kontra l-Money Laundering (Kap. 373). Wieħed biżżejjed jara l-atti biex jinduna kif għal kull pass, ir-rikorrenti jridu jitolbu l-awtorizazzjoni tal-Qorti. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għal per eżempju rikors li ppreżenta Francis Portelli fit-12 ta' Diċembru 2014 kif ukoll rikors li ppreżenta Anthony Cassar fid-9 ta' Ottubru 2017. F'dak ir-rikors, Cassar kellu jitlob l-awtorizazzjoni tal-Qorti sabiex kumpannija tal-insurance tħallas żewġ claims relatati ma' polza tas-saħħa. Dawk l-atti fihom infushom huma prova ta' dak li jkollhom jgħaddu minnu r-rikorrenti diment li jibqgħu pendenti l-proċeduri kriminali.

26. Dan ir-raġunament japplika iktar u iktar fejn l-akkużati, kif inhu l-każ in eżami, ikunu persuni avvanzati fl-eta`. Fis-sentenza tal-ewwel Qorti jissemma kif s'issa kien hemm tnejn u ħamsin (52) seduta u li fihom fi tletin (30) seduta minnhom ma sar xejn. Numri li flimkien mas-seba' snin li l-każ ilu pendenti, huma l-aqwa ċertifikat kontra r-raġunament tal-Avukat Ġenerali. Mhemmx dubju li hu fl-interess pubbliku li min hu ħati ta' reat iwieġeb għalih. Pero` seba' snin u għadhom lanqas bdew jinstemgħu l-provi tad-difiża u mhemm l-ebda indikazzjoni meta l-proċeduri ser jiġu fit-tmiem tagħhom, hu perjodu inaċċettabbli.

27. Jekk wieħed jara l-verbal tas-seduti li saru matul din is-sena, mill-ewwel ikollu stampa ċara kif mhu jsir l-ebda progress. Ħames seduti li fihom ma sar assolutament xejn.

28. B'riferenza għat-tieni aggravju, l-appellant isostni li l-ewwel Qorti kellha tagħti rimedju differenti minn dak li tordna lill-Avukat Ġenerali sabiex jagħlaq il-provi sal-31 ta' Diċembru 2019. Fil-fatt ippropona li l-ewwel Qorti setgħet:-

i. *"41..... tordna lill-prosekuzzjoni sabiex ittemm il-proċess kriminali fl-iqsar żmien possibbli mingħajr ma* (tiffissa) *żminijiet speċifiċi"*. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak 'l hekk imsejjaħ rimedju ma kien jimponi l-ebda obbligu enforzabbli fuq l-Avukat Ġenerali u fir-realta` mhuwiex rimedju effettiv. L-istess raġunament japplika fir-rigward tas-suġġeriment tal-appellant li l-Qorti *"41..... tagħti direttiva biex il-każ kriminali ta' Frank Sammut jiġi konkluż malajr"*. Suġġeriment biss u li ma jkun fih l-ebda rabta.

ii. tagħmel *"42..... dikjarazzjoni li tgħid li d-dewmien għandu jiġi meqjus mill-qrati kriminali meta dawn jiġu biex igħaddu s-sentenza finali tagħhom"*. Pero` r-rikorrenti huma preżunti innoċenti u dik il-proposta qiegħda tipprospetta s-sitwazzjoni li r-rikorrenti ser jinstabu ħatja tal-akkużi. Il-Qorti m'għandhiex tagħti rimedju taħt il-presunzjoni

li r-rikorrenti ser jinstabu ħatja tal-akkużi. Sal-lum għadhom preżunti innoċenti u hekk għandhom jibqgħu sakemm tingħata sentenza finali li tkun ġudikat.

29. Ir-rimedju li tat l-ewwel Qorti hu floku għaliex jiżgura li l-kawża kriminali tkompli mingħajr iktar tkaxkir tas-saqajn.

30. Inoltre, in vista tal-konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq il-Qorti ma tarax li għandha ġġedded iż-żmien li stabbilit l-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż huma kollha a karigu tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm